MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2041/2003

**Pierre Mangion**

**vs**

**The Acre Group Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Ottubru, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti depozitu imhallas lis-socjeta konvenuta in segwitu ghal lokazzjoni ta’ appartament fl-Imsida lill-attur liema depozitu ma giex rifuz mat-terminazzjoni tal-lokazzjoni minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra bonarja datata 15 ta’ Lulju 2003 kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------